ISTITUT TAL-ĠURNALISTI MALTIN
INSTITUTE OF MALTESE JOURNALISTS
*Press Club*, 104
Old Mint Street
Valletta
Malta

**Is-Sbatax-il Edizzjoni tal-*Malta Journalism Awards***
31 ta' Ottubru 2007
**Messaġġ minn Malcolm J. Naudi**
*Chairman*, Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM)

Is-serata tal-lejla hija differenti minn ta' snin imgħoddija iżda l-għan hu l-istess. L-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM) jibqa' fuq quddiem fil-ħidma biex jgħolli l-livell tal-ġurnaliżmu f'pajjiżna.

Is-sena li ġejja se tkun aktar impenjattiva mis-soltu. Se jkollna elezzjoni nazzjonali, minbarra dawk tal-kunsilli. Nittama li l-*media* jaħdmu biex jgħinu l-qarrejja u l-udjenzi tagħhom jieħdu deċiżjoni għaqlija li jixraq lill-pajjiż. Nappella lis-sidien tal-*media* u lill-awtoritajiet fil-partiti biex ikollna kampanja nadifa u jħallu l-*media* jagħmlu xogħolhom.

Nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu biex din is-serata ħadet dehra ġdida, fosthom lill-membri tal-Kunsill tiegħi u lil Carmel Bonello, u fuq kollox lill-*isponsors* tas-sapport li jkomplu jagħtu lill-IĠM biex inkunu nistgħu nkomplu bil-ħidma tagħna.

Fl-aħħar nett nixtieq nifraħ lill-finalisti kollha. Il-fatt li qegħdin hawn diġà hu rikonoxximent tax-xogħol tagħhom. Prosit tassew.

**Tmiem/**